MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 599/1997/1

Victor Sammut
vs
Public Broadcasting Services Limited u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2001 giet kjamata fir-rikors Maltacom plc aventi kawza tat-TeleMalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987, 1990 u l-1996 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kienet tirrifletti x-xoghol li huwa kien gie mgieghel jaghmel.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata, gia Xandir Malta ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena. Bejn l-1984 u l-1988 huwa kien gie assenjat xoghol

ta’ “grip-man” (ekwivalenti ta’ Cameraman Assistant) fil-Kamra ta’ l-Ahbarijiet.

Fl-1988, flimkien ma’ numru ta’ kollegi ohra, ir-rikorrent kien gie promoss ghal “Camera Operator”. Wara tmien xhur ta’ tahrig, ir-rikorrent u l-kollegi tieghu kien gew mitluba biex jinfurmaw lis-socjeta` intimata minn minnhom kien lest jaghmel xoghol fuq barra.

Hadd ma applika ghal dan ix-xoghol, u wara xi hmistax-il gurnata, ir-rikorrent kien gie mgieghel jaghmel ix-xoghol fuq barra minghajr ma nghata l-grad ta’ Cameraman II. Ta’ dan ix-xoghol, ir-rikorrent l-anqas qatt ma kien inghata xi tip ta’ allowance.

Meta fl-1990 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal Cameraman II, ir-rikorrent kien applika. Izda avolja r-rikorrent kien ilu jaghmel xoghol fuq barra ghal dak iz-zmien kollu, kienu gew promossi nies li kienu baqghu jahdmu gewwa l-istudios, u minnflok, ir-rikorrent kien rega’ gie assenjat xoghol gewwa l-istudios biex jimla l-vojt li hallew dawk illi kienu gew promossi. Ta’ min josserva illi dawk illi kienu gew promossi ghal Cameraman II kienu nghataw arretrati ta’ tlett snin paga.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha u kien gie mtellef il-possibilita` illi jigi promoss ghall-gradi superjuri.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikrorent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ghal Cameraman II b’effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-kariga, li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data, li jinghata l-possibilita` li jigi promoss ghal Senior Cameraman u li

jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000, u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Public Broadcasting Services Ltd li eccepiet:

1. Illi r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq is-sena 1990, f'liema zmien il-kumpanija "Public Broadcasting Services Ltd." l-anqas biss ma kienet tezisti u wisq anqas setghet taghti promozzjonijiet, u ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrenti qed tigi kontestata fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi r-rikorrenti, li hu Camera Operator, kien dahal mal-Korporazzjoni Telemalta bhala "skilled labourer" fl-1978 u fl-1981 inghata promotion ghall-"gripman", filwaqt li fl-1988 gie promoss ghall-Camera Operator, kif jistghu jikkonfermaw rapprezentanti tal-Korporazzjoni Telemalta. Jekk hargu xi applikazzjonijiet ghall-promozzjoni dawna hargu biss mill-Korporazzjoni TeleMalta, u fi zmien meta s-socjeta` intimata l-anqas biss kienet tezisti, u ghaldaqstant ma' l-istess socjeta` intimata ma jista' jkollha ebda responsabilita` ghall-ghazliet maghmula mill-Korporazzjoni Telemalta, li unikament ghandha tirrispondi ghalihom.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tal-Maltacom p.l.c. li eccepiet:

1. Illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom p.l.c. hija perenta ai termini ta’ l-Artikolu 9 ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-Maltacom plc mhijiex legittima kontradittura f’din il-procedura. Ir-rikorrent kien jahdem mad-divizjoni ta’ Xandir Malta tal-Korporazzjoni TeleMalta, liema divizjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament mill-korporazzjoni u ghaddiet ghal kollox ghand il-Public Broadcasting Services. Il-Public Broadcasting Services Limited, oltre li akkwistat l-assi kollha li kienu ta’ Xandir Malta, akkwistat u assumiet fuqha wkoll id-drittijiet, l-obbligi u pretensjonijiet (inkluzi drittijiet litigjuzi) u ftehim kollha li kienu jikkoncernaw id-divizjoni ta’ Xandir Malta.

3. Illi fil-meritu l-Maltacom plc tichad li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent kien applika ghall-grad ta’ Cameraman II wara sejha ghall-applikazzjonijiet li harget fit-23 ta’ Gunju 1989. Huwa ma setax jinghata l-promozzjoni wara li gab biss 40 marka minn massimu ta’ 100 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 6 marki minn 30 marka ghall-snin ta’ servizz, 15-il marka minn 20 marka ta’ l-esperjenza, ebda marka minn 15-il marka tal-kwalifiki billi ma kellux ebda kwalifiki, 11-il marka minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 8 marki minn 10 marki ghal taghrif genrali u 4 marki minn 5 marki ghall-personalita`.

5. Ghaldaqstant, is-socjeta` intimata talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront taghha. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn fih semma illi hu ilu jahdem mal-kumpanija intimata gja Xandir Malta ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena u bejn l-1984 u l-1988 kien gie assenjat xoghol ta' "grip-man" ekwivalenti ghal Cameraman Assistant u dan fil-Kamra ta' l-Ahbarijiet. Fl-1988, flimkien ma' numru ta' kollegi ohra kien gie promoss ghal Camera Operator. Wara tmien xhur ta' tahrig gew mitluba biex jinfurmaw lill-kumpanija intimata min minnhom lest li jaghmel xoghol fuq barra.

Peress li hadd ma applika wara xi hmistax-il gurnata hu kien gie mgieghel jaghmel dan ix-xoghol fuq barra, minghajr ma nghata l-grad ta' Cameraman II. Ta' dan it-tip ta' xoghol qatt ma thallas jew inghata xi tip ta' allowance.

Meta fl-1990 hargu l-applikazzjonijiet ghall-Cameraman II, hu applika izda avolja kien ilu jaghmel xoghol fuq barra ghal dak iz-zmien kollu, gew promossi nies li kienu baqghu jahdmu gewwa l-istudios, u minflok hu gie assenjat xoghol gewwa l-istudios biex jimla l-vojt li hallew dawk li gew promossi. Kien biss fl-1998 illi r-rikorrent gie promoss ghal Cameraman.

Fis-26 ta' Ottubru 1999 Dr George Abela ghar-rikorrent iddikjara li ftit granet biss qabel l-ahhar elezzjoni generali r-rikorrent kien offrut li jinghata l-promozzjoni in kwistjoni suggett pero` li dan ikollu l-approval tal-Bord tad-Diretturi.

Ir-rikorrent semma li fost in-nies li qabzuh ghall-promozzjoni tal-1990 kien hemm David Guttridge u John Agius. Semma li veru li l-PBS ma kenitx tezisti dak iz-zmien u li kienet it-Telemalta li kienet responsabbli pero` meta l-PBS sar ha r-responsabbilta` ghall-affarijiet kollha. Ic-cekkijiet tal-paga kienu johorgu minghand it-Telemalta. Dak iz-zmien kien hemm il-posizzjoni ta' Camera

Operator, Cameraman I u Cameraman II, l-ahhar wiehed l-aktar posizzjoni gholja

Biex taghmel xoghol fuq barra trid tkun jew Cameraman I jew Cameraman II ghax infatti l-Camenraman I kien johrog mal-Producer u t-II kien jaghmel xoghol wahdu. Cameraman Operator kien hemm wiehed biss li kien johrog u cioe` hu, ir-rikorrent, ghax l-ohrajn ma kienux johorgu.

Xehed <u>Tony Abela</u> Manager Human Resources mal-PBS. Dan semma illi fil-meeting 28 ta' l-20 ta` Novembru 1998 kienet giet diskussa mill-bord tad-diretturi l-kwistjoni dwar il-promozzjoni tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien intavola rikors quddiem it-Tribunal u cioe` r-rikors odjern. In segwitu kienu saru diskussjonijiet bejn ir-rikorrent u s-Sur Marshall li dak iz-zmien kellu l-kariga ta` Chief Executive. Effettivament minn dawn id-diskussjonijiet kienu waslu ghall-ftehim li r-rikorrent jirtira r-rikors u s-Sur Marshall jirrakkomanda lill-bord tad-diretturi li r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ghal Senior CameraMan.

Izda meta fil-fatt dan gie diskuss fil-bord tad-diretturi, kien gie deciz li t-talba tac-chief executive ma tigix milqugha u minnflok jittiehdu l-proceduri normali skond il-ftehim kollettiv u li l-kaz jigi deciz mit-Tribunal u mhux mill-bord tad-diretturi. Esebixxa dokument in sostenn ta' dan.
Zied li l-ftehim kollettiv ghandu regoli specifici dwar kif tista` tinghata promozzjoni li tohrog applikazzjoni, jinhatar bord ta` ghazla, isiru l-interviews, issir l-ghazla u mbaghad ikun hemm ir-rakkomandazzjoni lill-bord li japprova l-promozzjonijiet. Il-promozzjonijiet kollha fil-PBS saru hekk u direct promotions ma jezistux.

Semma li dwar l-ittra li kienet harget lir-rikorrent, is-Sur Marshall ma kienx tkellem mieghu izda harget direttament mill-Ufficcju tas-Sur Marshall. Semma li hu ma jkunx regolarment fil-bord sakemm ma jibghatux ghalih u f'dan il-kaz ma kienux baghatu ghalih. Dwar il-kaz tar-rikorrent li jista' jghid huwa mid-dokumenti.

Dwar Cameramen semma li hemm tliet tipi ta' cameramen u cioe` l-Camera Operator li jahdem go l-istudio biss, imbaghad hemm il-Cameramen I u t-II li huma dejjem f'linja tiela 'l-fuq u cioe` Camera Operator, Cameraman I u Cameraman II. Il-Cameraman I u t-II jahdmu x-xoghol fuq barra u ghalhekk huwa kunsidrat xoghol ta' natura superjuri u li allura huwa promozzjoni. Ir-rikorrent kien xtaq li jsir Cameraman II biex jiehu l-ghola promozzjoni.

Kieku dan kellu jsir hu kien ikun qieghed jaqbez promozzjoni fis-sens li jsir direttament Cameraman II minn Camera Operator u ghalhekk jaqbez il-grad ta' Cameraman I. Dwar jekk tistax taqbez grad jew le qal li mhux suppost li taqbez grad u ghandu dubji kbar jekk fil-fatt qattx saret.

Zied illi fil-fatt meta tinghata promozzjoni irid jaqbel is-selection board u dan jigi wkoll approvat mill-bord. Fiz-zmien imsemmi ma kienx hemm applikazzjonijiet ghal Senior Cameraman mal-PBS.

Il-P.B.S. kienet harget bhala korp awtonomu fl-1993. Qabel l-1993 kollox kien jigi deciz mit-Telemalta ghax hi kienet il-korporazzjoni li kellha x' taqsam. Fil-fatt dawk iz-zmenijiet hu kien is-shopsteward tal-General Workers' Union ghas-sezzjoni tax-xandir, izda hu ma jidhirlux li qatt kellu l-kaz tas-Sur Sammut f'idejh ghax is-Sur Sammut qatt ma ressaq ilment permezz tal-union. Ir-rikorrent, kif kienu lkoll, kien impjegat tat-Telemalta u ghalhekk jekk seta ha promozzjonijiet seta' hadhom biss mit-Telemalta, qabel l-1993.

Xehed <u>Albert Marshall</u> li semma li kien hemm zmien li hu kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive mal-PBS Limited u spicca minn din il-kariga f'Gunju tal-1999.

Dwar il-kaz odjern qal li kien hemm zmien li s-Sur Sammut kien ihoss li l-pozizzjoni tieghu mal-kumpanija ma kenitx kif suppost. Fil-fatt darba kienu tkellmu flimkien mal-konsulent legali tieghu li kien Dr. Abela. Il-policy tieghu kienet li fejn kien hemm kawzi kien dejjem jipprova li jsolvihom kemm jista' jkun malajr minghajr ma joqghod

itawwal zmien fil-Qrati. Semma li kien hemm rikors tar-rikorrent quddiem it-Tribunal.

Kien studja l-kaz tat-talba tar-rikorrent biex isir Senior Cameraman u peress li kien deherlu li kien gustifikat u peress li kien jaf li kien hemm precedenti fejn sar hekk, kien qal lir-rikorrent li bi hsiebu li jinghata l-kariga ta' Senior Cameraman, naturalment dejjem bl-approvazzjoni tal-bord. Hu kien hass li r-rikorrent kien haqqu jsir u ghalhekk kien irrilaxxa ittra f'dan is-sens u kkonferma l-ittra Dokument 'TB1' a fol 22 tal-process liema ittra kien baghat kopja taghha lic-Chairman tal-bord kif ukoll ohra lill-Manager Human Resources. Il-kaz kien gie diskuss at board level, u hu kien prezenti, u l-bord kien deherlu li jkun il-kaz ahjar li l-konkluzjoni tithalla ghal zmien iehor. Ikkonferma li in segwitu kien irrilaxxa ittra tat-23 ta' Novembru 1998 'TB2' a fol 23 tal-process li fil-fatt kien gie deciz li la jintqal iva u anqas le izda li l-kaz jigi deciz mit-Tribunal. Ir-rikorrent kien jahdem bhala Cameraman u x-xoghol tieghu kien qieghed jaghmlu kif suppost.

Xehed <u>David Buttigieg</u> Kap tal-Ufficcju Legali mal-Maltacom li pprezenta kopja tal-ordni tal-mertu tal-kandidati kollha li applikaw ghall-grad ta' Cameraman II rigward promozzjonijiet li kienu saru fl-1989 fit-Telemalta. Xehed li r-rapport kollu ffirmat mill-membri tas-selection board ma nstabx.

It-total proprjament igib 44 marka. Hu personali ma kienx involut fl-interviews liema interviews kienu saru wara li hargu l-applikazzjonijiet. Ic-chairman tal-bord kien Albert Balzan li sa fejn jaf hu ma jifhimx f'cameras.

It-tnejn l-ohra li kienu fil-bord ma' l-engineer Balzan kienu Godwin Ellul u Charles Zammit. Albert Balzan engineer, Godwin Ellul kien Administrative Officer fl-Administration u Charles Zammit kien Administrative Officer fl-Accounts Department.

Dwar Charles Grech ma kienx jaf il-posizzjoni tieghu u talab zmien biex jikkonferma. Gie esebit il-grade movement li juri li r-rikorrent kien fil-fatt sar Skilled

Labourer mat-TeleMalta fit-23 ta' Jannar 1978, Gripman fl-1 ta' Ottubru 1981, Camera Operator fl-1 ta' Ottubru 1986, Camera Operator PBS fl-1 ta' Settembru 1993 u Cameraman fl-1 ta' Gunju 1996.

**KONKLUZJONIJIET:**
Hemm diversi aspetti li jridu jigu kkunsidrati mit-Tribunal. L-ewwel wiehed huwa dak illi fl-eccezzjoni preliminarja taghha is-socjeta` Maltacom p.l.c. eccepiet illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom p.l.c. hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997. Meta wiehed jaqra l-Artikolu 9 dan ighid "M'ghandux jigi accettat ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu tas-sehh ta' dan l-Att".

F'dan l-istadju it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997…

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att."   Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…".  L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern".  Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997."

Issa kien fis-26 ta' Settembru 2001 li Dr Joseph Refalo ghall-intimat talab il-kjamata fil-kawza tal-Maltacom p.l.c. aventi kawza tat-TeleMalta Corporation, liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe' ferm wara t-2 ta' Dicembru, 1997.  Li kieku s-socjeta' kjamata in kawza ma ssollevatx din l-eccezzjoni t-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina t-talbiet tar-rikorrent, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta` giet kjamata tardivament.  Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta` kjamata in kawza fis-26 ta' Settembru, 2001 li jekwivali li fil-konfront tas-socjeta` msemmija fir-rikors kienu qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citat.

Ara wkoll is-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku.  Kif ukoll "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000,li ddecieda li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminarja tas-socjeta` kjamata in kawza Maltacom p.l.c. u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk il-kawza trid tibqa’ tigi kkunsidrata kontra il-Public Broadcasting Services Limited. Ir-rikorrent meta intavola r-rikors semma l-ingustizzji li sofra fl-1987, 1990 u 1996. Irrizulta illi fl-1987 ma kien hemm ebda applikazzjoni tieghu li giet rifjutata u ghalhekk din taqa’ barra. Ukoll in vista tal-fatt illi l-Kap 394 art. 5 (4) tieghu jghid hekk:

“Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghall-ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju 1995. Dan jaghmilha cara li kwalunkwe haga li setghet dejjqet lir-rikorrent b’mod li jhoss li hija ingustizzja wara il-15 ta’ Mejju 1995 tezorbita mill-kompentenza tat-Tribunal *ratione temporis”.*

Jifdal biss li wiehed jara l-ilment tar-rikorrent riferibbilment ghall-1990. Proprjament dan mhuwiex 1990 ghax ir-rizultat hareg fl-1990 pero` huma l-applikazzjonijiet ta’ l-1989. Izda xorta wahda sejjer jigi kkunsidrat.

Ir-rikorrent kien applika biex jinghata l-grade ta’ Cameraman II. Jinghad illi effettivament ir-rikorrent skond ma jirrizulta mill-grade movement tieghu a fol 47 tal-process fid-data in kwistjoni kien Camera Operator. F’dan il-kaz, il-kawza ghalhekk tinsab diretta kontra l-Public Broadcasting Services Limited meta l-ezami kien sar mit-TeleMalta. Mela huwa necessarju li wiehed jara jekk effettivament tistax tigi tehel il-konsegwenzi tad-decizjoni il-Public Broadcasting Services Limited ghal haga li kienet ghamlet it-TeleMalta. Fil-fatt ir-rikorrent kien fiz-zmien in kwistjoni jahdem fid-divizzjoni tax-Xandir Malta tat-TeleMalta Corporation u li din id-divizzjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament. Izda meta bdiet tiffunzjona fl-1993, ghax mhux qabel, il-Public Broadcasting Services Limited kienet akkwistat l-assi kollha li kienu ta’ Xandir Malta u meta akkwistat l-assi, assumiet fuqha wkoll drittijiet, obbligi u pretenzjonijiet. In

vista tal-fatt illi akkwistat id-drittijiet, l-obbligi u pretenzjonijiet akwistat jew baghtiet ukoll il-konsegwenzi ta’ l-ilment tar-rikorrent u cioe` dritt litigjuz kontra taghha spettanti lir-rikorrent.

Irrizulta illi fl-ezami in kwistjoni r-rikorrent inghata 6 marki minn 30 ghall-snin ta’ servizz, 15-il marka minn 20 ghall-esperjenza, ebda marka minn 15-il marka ghall-kwalifiki, billi ma kellux kwalifiki, 11-il marka minn 20 ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 8 marki minn 10 ghat-taghrif genrali u 4 marki minn 5 ghall-personalita`, b’total ta’ 44 marka. Skond id-Dokument ipprezentat minn David Buttigieg a fol 45 tal-process jirrizulta illi r-rikorrent kien qieghed klassifikat fis-6 posizzjoni u kien l-ewwel wiehed minn dawk li ma kkwalikfikawx.

Dwar snin ta’ servizz ir-rikorrent inghata 6 marki waqt illi l-ewwel hamsa, is-seba’, it-tmienja u l-ghaxar kandidat inghataw 7 marki. It-Tribunal mhuwiex f’posizzjoni illi b’xi mod ivarja din il-marka minhabba li la r-rikorrent, la l-intimat u l-anqas il-kjamat in kawza, hadd minnhom ma esebixxa is-sena ta’ meta fil-fatt l-applikanti dahlu jahdmu mat-TeleMalta u ghalhekk ikollha tassumi tali marka bhala veritiera.

Irrizulta kemm mill-affidavit tar-rikorrent kif ukoll minn xi deposizzjonijiet ohra illi effettivament ir-rikorrent kien gie mqabbad jaghmel xoghol fuq barra u dan minghajr ma nghata l-grad ta’ Cameraman II. Kif issemma fid-deposizzjonijiet, min jaghmel xoghol fuq barra hu kkunsidrat li jaghmel xoghol superjuri ghal dak li jaghmel xoghol fuq gewwa u li jkun qieghed jaghmel xoghol ta’ cameraman. Ir-rikorrent ilmenta li gew promossi nies li kienu jaghmlu xoghol fuq gewwa. Ir-rikorrent sostna li John Agius u David Gutteridge kienu mqabbdin precedentement jaghmlu xoghol fuq gewwa u spiccaw jahdmu barra. Jigi osservat ukoll illi 2 minn dawk illi fil-fatt saru u cioe` Dennis Micallef u John Agius kellhom ir-rank ta’ Film Cameraman I, izda tlieta ohra li saru u cioe` E Cini, Vincent Caruana u David Gutteridge bhar-rikorrent kellhom ir-rank ta’ Camera Operator.

It-Tribunal jghaddi issa biex jevalwa aspett iehor u cioe` illi gew allokati l-marki minn bord. L-ewwel haga jinghad illi l-persuni li mexxew il-bord certament ma kienux adatti biex jaghmlu l-evalwazzjoni mehtiega, specjalment meta wiehed iqis it-tip ta' marki li gew moghtija minnhom. Jinghad illi l-engineer Balzan huwa bniedem tekniku, pero` ma jifhimx f'cameras, Godwin Ellul u Charles Zammit huma nies amministrattivi u dan it-Tribunal jara ferm difficli li ssir evalwazzjoni dettaljata ta' l-esperjenza u tad-domanda teknika ta' persuni bhal dawn sakemm ma jiehux linja generali li persuna li ghandha tali snin ta' esperjenza tassumi li ghandha daqstant esperjenza. Pero` certament ma jistghux nies bhal dawn johorgu ghall-konkluzzjoni dwar allokazzjoni ta' marki fuq esperjenza, fuq mistoqsija teknika sakemm ma jkunux ezaminaw il-files illi ma kienux jigu ezaminati mit-TeleMalta jew fatturi ohra li ma gewx ippruvati fil-kors tal-kawza.

L-allokazzjoni tal-marki bhala tali hija ferm stramba. In fatti jinghad illi gew allokati 30 marka; marka bazikament jidhru ghal kull sena ta' servizz u dan ghal grupp ta' nies li l-massimu li setghu igibu kien 7 marki u ghalhekk totalment ma jaghmilx sens illi talloka 30 marka ghal snin ta' servizz b'mod li l-ghola marka li jista' jgib kwalunkwe kandidat tkun biss 7 u li allura fil-verita` inti tkun qieghed tiddeciedi abbazi ta' 80 marka u mhux ta' 100 marka.
L-istess haga t-Tribunal isib ferm stramba l-allokazzjoni ta' 15-il marka ghall-kwalifiki meta l-kandidati kollha, barra wiehed, ma gabu ebda marka, l-anqas wahda, hlief ghal wiehed li gab 4. Ghalhekk certament hija bla sens li wiehed jalloka iktar minn al piu` 10 marki ghal din u kien jaghmel aktar sens li jalloka marki ohra fuq aspetti ohra.

Meta wiehed jigi biex jezamina l-kaz tar-rikorrent dettaljatament jigi osservat illi ghalkemm ir-rikorrent huwa Camera Operator bhal Cini, Caruna u Gutteridge li nghataw rispettivament 19, 19 u 17-il marka bhala esperjenza, ghal xi raguni hu nghata 15-il marka. Aktar stramba l-allokazzjoni ta' Patrick Mifsud li nghata 4 u ta' Vincent Cassar li nghata 4 wkoll meta huma kienu ukoll fir-rank ta' Camera Operator. Dwar kwalifiki r-rikorrent ma gab xejn, kif gja ssemma u dwar mistoqsija tekniku

hawnhekk ergajna ghal posizzjoni ferm stramba, fejn nies li ma kienux kwalifikati fuq mistoqsija teknika ddecidew li jallokaw lill-ewwel 4, 20 marka imbaghad lil hames wiehed 18, lir-rikorrent 11-il marka u lill-ohrajn tibqa' niezel 5, 5, 3, 8 u 2; haga ferm stramba. Dwar l-allokazzjoni tal-marki fuq mistoqsija generali u fuq personalita` t-Tribunal m'ghandux kummenti x'jaghmel.

Izda t-Tribunal ihoss illi certament minhabba dawn l-izbalji fuq imsemmija lir-rikorrent tilef almenu 6 marki fil-mija specjalment fuq domanda teknika ghax li kieku wiehed kellu jallokalu 17-il marka u xorta wahda kien ikun inqas mill-5 l-ohra li bhalhom kien ilu ghal numru ta' snin, xorta wahda anke jekk wiehed ma jmissx l-ingridjent ta' esperjenza, l-ingredjenti l-ohra li ssemmew aktar 'il fuq dan kien ikun sufficjenti biex jilhaq il-grad ta' Cameraman II fll-1989.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-Public Broadcasting Services Limited u peress li jsib l-ilment gustifikat jilqa' t-talba tar-rikorrent, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Cameraman II b'effett mill-istess data li haduhom l-applikanti l-ohra meta saru fl-imsemmija data u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-Public Broadcasting Services Limited hlief dawk kontra l-Maltacom li huma a karigu tar-rikorrent.